MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 373/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Jennifer Debono (Id.341655M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, tlieta u tletin ewro u sitta u erbghin centezmu (€533.46) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru 40072101, u peress li l-konvenuta baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2010 fejn deheret il-konvenuta u ammettiet it-talba attrici kif dedotta kontra taghha.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenuta, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, tlieta u tletin ewro u sitta u erbghin centezmu (€533.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------